# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TA' INTERPRETAZZJONI RIGWARD L-ARTIKOLI 45 U 46

Il-Partijiet huma demokraziji. Huma jixtiequ jaħdmu flimkien biex jippromwovu l-valuri kondiviżi tagħhom lid-dinja. Il-Ftehim ta' bejniethom huwa sinjal tar-rieda kondiviża tagħhom li jippromwovu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu madwar id-dinja. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim bejn il-Partijiet li jikkondividu l-istess valuri għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tad-djalogu, ir-rispett reċiproku, is-sħubija indaqs, il-multilateraliżmu, il-kunsens, u r-rispett lejn id-dritt internazzjonali.

Il-Partijiet jaqblu li għall-iskop tal-interpretazzjoni korretta u l-applikazzjoni prattika ta' dan il-Ftehim, it-terminu "miżuri adatti" fl-Artikolu 45(3) huma miżuri proporzjonati man-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-obbligi skont dan il-Ftehim. Jistgħu jittieħdu miżuri fir-rigward ta' dan il-Ftehim jew ta' ftehim speċifiku li jaqa' taħt il-qafas istituzzjonali komuni. Fl-għażla tal-miżuri, trid tingħata prijorità lil dawk li l-inqas li jfixklu l-operat tal-ftehimiet, b'kont meħud tal-użu possibbli ta' rimedji domestiċi disponibbli.

Il-Partijiet jaqblu li għall-finijiet tal-interpretazzjoni korretta u l-applikazzjoni prattika ta' dan il-Ftehim, it-terminu "każi ta' urġenza speċjali" fl-Artikolu 45(4) ifisser każ ta' ksur materjali ta' dan il-Ftehim minn xi waħda mill-Partijiet. Ksur materjali jikkonsisti jew minn ċaħda ta' dan il-Ftehim mhux sanzjonata mir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew ksur partikolarment serju u sostanzjali ta' element essenzjali tal-Ftehim. Il-Partijiet għandhom jivvalutaw ksur materjali possibbli tal-Artikolu 4(2), b'kont meħud tal-pożizzjoni uffiċjali, fejn disponibbli, tal-aġenziji internazzjonali rilevanti.

Fir-rigward tal-Artikolu 46, fejn ikunu ttieħdu miżuri fir-rigward ta’ ftehim speċifiku li jaqa’ taħt il-qafas istituzzjonali komuni, kwalunkwe proċedura rilevanti tal-ftehim speċifiku għas-soluzzjoni tat-tilwimiet għandha tapplika fir-rigward tal-proċedura għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ f’każijiet fejn l-arbitri jiddeċiedu li l-miżura ma kinitx ġustifikata jew proporzjonata.

DIKJARAZZJONI UNILATERALI

MILL-UNJONI EWROPEA

DWAR L-ARTIKOLU 12

Il-plenipotenzjarji tal-Istati Membri u l-plenipotenzjarju tar-Repubblika tal-Korea jieħdu nota tad-Dikjarazzjoni Unilaterali li ġejja:

L-Unjoni Ewropea tiddikjara li l-Istati Membri huma marbuta taħt l-Artikolu 12 biss safejn huma impenjaw rwieħhom fir-rigward ta' dawn il-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fil-livell tal-Unjoni Ewropea.